IL-KUMMISSJONI EWROPEA

RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 19.7.2011
KUMM(2011) 465 finali

2011/0201 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

rigward miżuri ristrettivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Sas-17 ta' Ġunju 2011, Al Qaida u t-Taliban kienu suġġetti għal sanzjonijiet skont ir-Riżoluzzjoni 1267 (1999). Fis-17 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jissepara l-miżuri kontra Al Qaida u l-miżuri kontra t-Taliban f'żewġ Riżoluzzjonijiet separati 1988 (2011) u 1989 (2011).

F'konformità mal-UNSCR 1988 (2011), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011//[…]/PESK ta' […] tipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan.

Dawn il-miżuri jikkonsistu fl-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, restrizzjonijiet fuq id-dħul fl-UE, projbizzjoni fuq il-forniment, bejgħ jew trasferiment, diretti jew indiretti, ta' armi u tagħmir militari, u projbizzjoni fuq il-forniment ta' assistenza u servizzi relatati lil persuni u entitajiet indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont il-paragrafu 30 tal-UNSCR 1988 (2011).

Hija meħtieġa aktar azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati xi wħud minn dawn il-miżuri. Ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni jipproponu li jimplimentaw dawn il-miżuri permezz ta' Regolament ibbażat fuq l-Artikolu 215(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2011/0201 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

rigward miżuri ristrettivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/[...]/PESK ta' [...] dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitatjiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-UNSC"), li kien qed jaġixxi skont il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, adotta r-Riżoluzzjoni 1988 (2011) is-sitwazzjoni fl-Afganistan li għadha tikkostitwixxi theddida għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

(2) Fil-[…] 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/[…]/PESK li tistipula l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, restrizzjonijiet fuq id-dħul fl-UE, projbizzjoni fuq il-forniment, bejgħ jew trasferiment, diretti jew indiretti, ta' armi u tagħmir militari, u projbizzjoni fuq il-forniment ta' assistenza u servizzi relatati lil persuni, gruppi u impriżi elenkati jew mill-Kumitat stabbilit mill-UNSCR 1988 (2011) jew, qabel l-adozzjoni ta' dik ir-Riżoluzzjoni, mill-Kumitat stabbilit mir-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC 1267 (1999) u 1333 (2000).

(3) Uħud minn dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, partikolarment bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati b'mod uniformi mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE sabiex dawn jiġu implimentati.

(4) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u partikolarment id-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet.

(5) L-Artikolu 291(2) tat-TFUE jipprovdi li, fejn ikunu meħtieġa kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni li jkunu legalment vinkolanti bħal pereżempju Regolamenti bbażati fuq l-Artikolu 215 tat-TFUE, dawk l-atti għandhom jikkonferixxu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(6) Il-proċedura għall-emendar tal-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi l-għoti lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati r-raġunijiet għall-elenkar tagħhom, sabiex ikollhom opportunità li jressqu osservazzjonijiet. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha dwar l-Anness I fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u tinforma lill-persuna, grupp, impriża jew entità kkonċernata b'dan.

(7) L-istess proċedura għandha tapplika fir-rigward tal-persuni, gruppi, impriżi u entitatjiet inklużi fl-Anness I fid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(8) Dan ir-Regolament jirrispetta wkoll b'mod sħiħ l-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura vinkolanti tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

(9) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinħoloq ċertezza legali massima fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u dejta oħra rilevanti li tikkonċerna persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom jenħtieġ li jiġu ffriżati skont dan ir-Regolament, iridu jiġu ppubblikati. Kwalunkwe proċessar ta' dejta personali għandu jirrispetta r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[1] u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[2].

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'fondi' tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi l-ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, nota, garanziji, ċedoli ta' obbligazzjoni u kuntratti tad-derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew introjtu ieħor fuq, jew valur dovut minn, jew iġġenerat minn, assi;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ;

(vii) dokumenti ta' prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(b) 'iffriżar ta' fondi' tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', jew negozjar ta' fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-post, is-sjieda, il-pussess, in-natura, id-destinazzjoni tagħhom jew bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġjar ta' portafolli;

(c) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, mobbli u immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti u servizzi;

(d) 'iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, li jinkludi, iżda li mhux limitat għal, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;

(e) 'assistenza teknika' tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta' għarfien operazzjonali jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inklużi forom verbali ta' assistenza;

(f) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-UNSC li ġie stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni tal-UNSC 1988 (2011);

(g) 'il-Kumitat 1267' tfisser il-Kumitat tal-UNSC li ġie stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC 1267(1999) u 1333(2000).

(h) "dikjarazzjoni tar-raġunijiet" tfisser il-porzjon li jista' jiġi rilaxxat lill-pubbliku ta' dikjarazzjoni ta' każ kif ipprovdut mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u/jew, fejn applikabbli, it-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar kif ipprovduti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; jew fil-każ ta' persuna, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li qabel kienu elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, id-dikjarazzjoni tal-każ u/jew taqsira narrattiva pprovduta mill-Kumitat 1267.

(i) ‘territorju tal-Unjoni’ tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

Artikolu 2

1. Għandhom jiġi pprojbiti:

(a) il-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ('Lista Militari Komuni')[3], jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ oġġetti inklużi f’dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I;

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f’attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni msemmija fil-punt (a).

Artikolu 3

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmuma jew kontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, ta' persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità elenkati fl-Anness I jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4

1. L-Anness I għandu jikkonsisti f'persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet li:

(i) ġew elenkati, immedjatament qabel id-data tal-adozzjoni tal-UNSCR 1988 (2011), bħala t-Taliban, u individwi, gruppi, impriżi u entitatjiet oħra assoċjati magħhom, fit-taqsima A ("Individwi assoċjati mat-Taliban") u t-taqsima B ("entitatjiet u gruppi oħra assoċjati mat-Taliban") tal-Lista konsolidata tal-Kumitat 1267; jew

(ii) ġew indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala individwi, gruppi, impriżi u entitatjiet assoċjati mat-Taliban u li jikkostitwixxu theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sisgurtà tal-Afganistan.

[3] ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

2. L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati, kif ipprovduti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness I għandu jinkludi wkoll id-data tal-ewwel indikazzjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kumitat 1267.

3. L-Anness I jista' jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-membri tal-familja tal-persuni elenkati, sakemm l-inklużjoni ta' din l-informazzjoni tkun ikkunsidrata bħala neċessarja f'każ speċifiku għall-unika raġuni tal-verifika tal-identità tal-persuna fiżika elenkata kkonċernata:

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu:

   (a) meħtieġa għall-ispejjeż bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness I u l-membri tal-familja dipendenti, inkluż ħlas għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

   (b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi legali;

   (c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

   sakemm l-Istat Membru kkonċernat innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'din id-determinazzjoni u l-intenzjoni tiegħu li jagħti l-awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għal dan fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif identifikati fuq is-siti tal-internet elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati huma neċessarji għal spejjeż straordinarji sakemm il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat b'dan mill-Istat membru kkonċernat u din id-determinazzjoni tkun ġiet approvata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

3. Il-persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet li jixtiequ jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2 għandhom jindirizzaw it-talba tagħhom lill-awtorità kompetenti relevanti tal-Istat Membru kif elenkata fl-Anness II.

L-awtorità kompetenti elenkata fl-Anness II għandha mill-ewwel tinnotifika kemm lill-persuna, grupp, impriża jew entità li għamlu t-talba, kif ukoll lil kull persuna, grupp, impriża jew entità magħrufa li huma direttament ikkonċernati, bil-miktub, dwar jekk it-talba ġietx milqugħa.

L-Istat Membru relevanti għandu wkoll jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar jekk it-talba għal din l-eżenzjoni tkunx intlaqgħet.

4. Il-fondi rilaxxati u trasferiti fi ħdan l-Unjoni sabiex ikopru l-ispejjeż jew rikonoxxuti permezz ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu suġġetti għal miżuri restrittivi oħra skont l-Artikolu 3.

5. Fil-każ ta' persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li qabel kienu elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, awtorizzazzjonijiet mogħtija qabel mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness II fir-rigward tal-kategoriji tad-derogi deskritti fil-paragrafi (1) u (2) aktar 'il fuq għandhom ikomplu japplikaw.

Artikolu 6

1. L-Artikolu 3(2) ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

   (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

   (b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew kreati qabel id-data li fiha dak il-kont sar soġġett għal dan ir-Regolament, jew, fil-każ ta' persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li qabel kienu elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, id-data li fiha kienu għall-ewwel darba soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 337/2000[4], ir-Regolament (KE) Nru 467/2001[5], jew ir-Regolament (KE) Nru 881/2002[6].

   bil-kundizzjoni li kwalunkwe tali imgħax, qligħ u pagamenti oħra jkunu ffriżati skont l-Artikolu 3(1).

2. L-Artikolu 3(2) ma għandux iwaqqaf lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati, sakemm kwalunkwe żieda li ssir fuq dawn il-kontijiet tkun ġiet iffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar transazzjoni bħal din mingħajr dewmien.

---

4 ĠU L 43, 16.2.2000, p. 1.

5 ĠU L 43, 16.2.2000, p. 1.

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan (ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9).

Artikolu 7

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede abbażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(2) ma għandhiex tagħti lok għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li għamlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

   (a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 3, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu bħalissa, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness II, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; kif ukoll

   (b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' dan it-tagħrif.

2. Kwalunkwe tagħrif li jingħata jew li jiġi riċevut skont dan l-Artikolu għandu jintuża biss għall-finijiet li għalihom ikun ġie pprovdut jew riċevut.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe tagħrif ieħor rilevanti, b'rabta ma' dan ir-Regolament, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari tagħrif dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 10

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:

   (a) temenda l-Anness I fuq il-bażi tad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; skont il-proċedura ppreżentata fl-Artikolu 11 aktar 'l isfel; kif ukoll

(b) temenda l-Anness II abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 11

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddeċiedi li jelenka persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità għall-ewwel darba, il-Kummissjoni għandha, hekk kif tingħata dikjarazzjoni tar-raġunijiet mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, tieħu deċiżjoni li tinkludi lil dik il-persuna, grupp, impriża jew entità fl-Anness I.

2. Ladarba tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha bla dewmien tikkomunika d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, lill-persuna, grupp, impriża jew entità kkonċernati, kemm direttament, jekk l-indirizz huwa magħruf, jew ara l-publikazzjoni ta' avviż, u tipprovdilhom l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar dan.

3. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet. Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni lill-persuna, grupp, impriża, entità jew korp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu wkoll jiġi trażmess lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, sabiex persuna, grupp, impriża jew entità jitneħħew mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjoni ulterjuri skont il-paragrafu 3.

5. Fejn in-Nazzjonijiet Uniti jiddeċiedu li jneħħu persuna, grupp, impriża jew entità mil-lista, jew li jemendaw id-dejta tal-identifikazzjoni ta' persuna, grupp, impriża jew entità elenkati, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I skont dan.

6. Persuni, gruppi, impriżi jew entitajiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li qabel kienu elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni talba għal dikjarazzjoni tar-raġunijiet. It-talba għandha tiġi ppreżentata bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet mingħajr dewmien, ladarba din tkun ġiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kumitat 1267, u tipprovdi lill-persuna, grupp, impriża jew entità l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjoni. Il-Paragrafi 3 u 4 ta' hawn fuq għandhom japplikaw għal dawn il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet.

Article 12

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-dejta personali sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament. Dawn id-dmirijiet jinkludu:

(a) it-tħejjija u t-tfassil ta' emendi għall-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) l-inklużjoni tal-kontenut tal-Anness I fil-lista elettronika u konsolidata ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji tal-UE, li hi disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni[7];

(c) l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' dan ir-Regolament bħall-valur tal-fondi ffriżati u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-Kummissjoni tista' tipproċessa dejta rilevanti li tirrelata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni fiżiċi elenkati, u kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà dwar dawn il-persuni, biss safejn dan l-ipproċessar huwa meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Tali dejta ma għandhiex tiġi ppubblikata jew skambjata.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-unità tal-Kummissjoni elenkata fl-Anness II hija nnominata bħala l-"kontrollur" għall-Kummissjoni fit-tifsira tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, sabiex jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ipprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 12

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li jsir xi tip ieħor ta' komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra ta' kuntatt li għandhom jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

[7] http://ec.europa.eu/external_relations/cfsp/sanctions/consol-list_en.htm

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq, b'mod sħiħ jew parzjali, fi ħdan l-Unjoni.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3

(1) ‘Abdul **Baqi**. Titolu: (a) Maulavi (b) Mullah. Funzjoni: (a) Gvernatur tal-provinċji ta' Khost u Paktika taħt ir-reġim tat-Taliban; (b) Viċi-Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura taħt ir-reġim tat-Taliban; (c) Id-Dipartiment Konsolari tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor fl-1962. Post tat-twelid: il-belt ta' Jalalabad, il-provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan'.

(2) ‘Abdul Qadeer **Abdul Baseer**. Titolu: (a) Ġeneral, (b) Maulavi. Funzjoni: Attaché Militari, fl-"Ambaxxata" tat-Taliban f'Islamabad, il-Pakistan. Data tat-twelid: 1964. Post tat-twelid: Nangarhar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Nru tal-Passaport: D 000974 (passaport Afgan). Tagħrif ieħor: ripatrijat fl-Afganistan fi Frar 2006.'

(3) ‘Abdul **Ghafoor**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru tal-Agrikoltura tar-reġim tat-Taliban. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kunar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(4) ‘Amir **Abdullah** (magħruf ukoll bħala Amir Abdullah Sahib). Indirizz: Karachi, il-Pakistan. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1972. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 20.7.2010.’

(5) ‘Abdul **Manan**. Titolu: (a) Sur, (b) Mawlawi. Funzjoni: Attaché Kummerċjali, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi. Nazzjonalità: Afgana.'

(6) ‘Abdul **Razaq**. Titolu: Maulavi. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor fl-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Arghandab, il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Ministru tal-Kummerċ (reġim tat-Taliban), (b) arrestat fl-2003 fil-provinċja ta' Kandhar fl-Afganistan.'

(7) ‘Abdul **Wahab**. Titolu: Malawi. Funzjoni: Chargé d'Affaires tat-Taliban f'Riyadh taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1973. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(8) ‘Abdul Rahman **Agha**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Prim Imħallef tal-Qorti Militari tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Arghandab, il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(9) ‘Abdul Wasay Mu’tasim **Agha**. (magħruf ukoll bħala (a) Mutasim Aga Jan, (b) Agha Jan, (c) Abdul Wasay Agha Jan Motasem). Titolu: Mullah. Funzjoni: Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1968. Post tat-twelid: Il-belt ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 31.1.2001.’

(10) ‘Janan **Agha**. Titolu: Mullah. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Fariab (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1958.

Post tat-twelid: il-provinċja ta' Uruzgan Ċentrali, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(11) ‘Sayed Mohammad Azim **Agha** (magħruf ukoll bħala (a) Sayed Mohammad Azim Agha, (b) Agha Saheb). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Impjegat tad-Dipartiment tal-Passaporti u l-Viżi tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1966. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(12) ‘Sayyed Ghiassouddine **Agha** (magħruf ukoll bħala (a) Sayed Ghiasuddin Sayed Ghousuddin, (b) Sayyed Ghayasudin, (a) Sayed Ghias). Titolu: Maulavi. Funzjoni: (a) Ministru tal-Haj u l-Affarijiet Reliġjużi tar-reġim tat-Taliban, (b) Ministru tal-Edukazzjoni tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn l-1958 u l-1963. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Faryab, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċja ta' Faryab, l-Afganistan f'Mejju 2007, (b) Involut fit-traffikar tad-droga.'

(13) ‘Mohammad **Ahmadi**. Titolu: (a) Mullah, (b) Haji. Funzjoni: President ta' Da Afghanistan Bank taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1963. Post tat-twelid: id-distrett ta' Daman , il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(14) ‘Mohammad Shafiq **Ahmadi**. Titolu: Mullah. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Nazzjonalità: Afgana.'

(15) ‘**Ahmadullah** (magħruf ukoll bħala Ahmadulla) Titolu: Qari. Funzjoni: Ministru tal-tas-Sigurtà (Intelligence) tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor fl-1975. Post tat-twelid: id-distrett ta' Qarabagh, il-provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: Ġie rrappurtat li miet f'Diċembru 2001. Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.1.2001.’

(16) ‘Abdul Bari **Akhund** (magħruf ukoll bħala Haji Mullah Sahib). Titolu: (a) Maulavi, (b) Mullah. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Helmand (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor fl-1953. Post tat-twelid: il-provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Membru ta' kumitat ta' tmexxija tat-Taliban magħmul minn seba' membri f'Kandahar, l-Afganistan, f'Mejju 2007, (b) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan.’

(17) ‘Ahmed Jan **Akhund**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Ministru tal-Ilma u l-Elettriku tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn l-1953 u l-1958. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(18) ‘Attiqullah **Akhund**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru tal-Agrikoltura tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1953. Post tat-twelid: id-distrett ta' Shawali Kott, Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(19) ‘Hamidullah **Akhund**. Titolu: Mullah. Funzjoni: Kap ta' Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1968. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(20) ‘Mohammad Hassan **Akhund**. Titolu: (a) Mullah, (b) Haji. Funzjoni: (a) Prim Deputat, il-Kunsill tal-Ministri tar-reġim tat-Taliban, (b) Ministru tal-Affarijiet

Barranin qabel Wakil Ahmad Mutawakil taħt ir-reġim tat-Taliban, (c) Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1958. Post tat-twelid: Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) mill-fazzjoni Malwhavi Khaalis, waħda mis-seba' fazzjonijiet tal-Jihad kontra s-Sovjetiċi, (b) gradwat minn madrrassa fi Quetta, il-Pakistan, (c) jikkollabora mill-qrib ma' Mullah Omar.'

(21) 'Mohammad Abbas **Akhund**. Titolu: Mullah. Funzjoni: Ministru tas-Saħħa Pubblika tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1963. Post tat-twelid: Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(22) 'Mohammad Essa **Akhund**. Titolu: (a) Alhaj, (b) Mullah. Funzjoni: Ministru tal-Ilma, is-Sanità u l-Elettriku tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Spinboldak, il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(23) 'Ubaidullah **Akhund** (magħruf ukoll bħala (a) Obaidullah Akhund, (b) Obaid Ullah Akhund). Titolu (a) Mullah, (b) Hadji, (c) Maulavi. Funzjoni: Ministru tad-Difiża tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor fl-1968. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Wieħed mill-viċijiet ta' Mullah Omar, (b) Membru tat-tmexxija tat-Taliban, responsabbli mill-operazzjonijiet militari.'

(24) 'Ahmad Jan Akhundzada Shukoor **Akhundzada** (magħruf ukoll bħala (a) Ahmad Jan Akhunzada (b) Ahmad Jan Akhund Zada). Titolu: (a) Maulavi (b) Mullah. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Zabol (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Post tat-twelid: il-provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: Membru tat-Taliban responsabbli għall-provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan fil-bidu tal-2007. Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.1.2001.'

(25) 'Mohammad Sediq **Akhundzada**. Funzjoni: Deputat Ministru tal-Martri u r-Ripatrijazzjoni tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn l-1953 u l-1958. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(26) 'Mohammad Eshaq **Akhunzada**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Laghman (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn l-1963 u l-1968. Post tat-twelid: id-distrett ta' Qarabajh, il-provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(27) 'Agha Jan **Alizai** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Agha Jan Alizai (b) Hajji Agha Jan (c) Agha Jan Alazai (d) Haji Loi Lala (e) Loi Agha). Titolu: Haji. Data tat-twelid: (a) 15.10.1963, (b) 14.2.1973, (c) 1967, (d) Bejn wieħed u ieħor fl-1957. Post tat-twelid: (a) ir-raħal ta' Hitemchai, il-provinċja ta' Helmand, l-Afganistan, (b) Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.11.2010.'

(28) '**Allahdad** (magħruf ukoll bħala Akhund). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Ministru tal-Kostruzzjoni tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1953. Post tat-twelid: id-distrett ta' Spinboldak, il-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(29) ‘Aminullah **Amin**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Gvernatur tal-Provinċja ta' Saripul (l-Afganistan) taħt ir-reġim tat-Taliban. Nazzjonalità: Afgana.'

(30) ‘Mohammad Sadiq **Amir Mohammad**. Titolu: (a) Alhaj, (b) Maulavi. Funzjoni: Kap tal-Aġenzija Afgana tal-Kummerċ, Peshawar, il-Pakistan taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: 1934. Post tat-twelid: Ghazni, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Nru tal-Passaport: SE 011252 (passaport Afgan).’

(31) ‘Muhammad Taher **Anwari** (magħruf ukoll bħala (a) Mohammad Taher Anwari, (b) Haji Mudir). Titolu: Mullah. Funzjoni: Direttur tal-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim tat-Taliban, (b) Ministru tal-Finanzi tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1961. Post tat-twelid: id-distrett ta' Zurmat, il-provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(32) ‘Arefullah **Aref**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru tal-Finanzi tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Zurmat, il-provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana.'

(33) ‘Sayed Esmatullah **Asem** (magħruf ukoll bħala Esmatullah Asem). Titolu: Maulavi. Funzjoni: (a) Deputat Ministru tal-Prevenzjoni tal-Vizzju u l-Propogazzjoni tal-Virtù tar-reġim tat-Taliban, (b) Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Afgana tan-Nofs Qamar l-Aħmar (ARCS) taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1967. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Ningarhar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Membru tat-tmexxija tat-Taliban f'Mejju 2007, (b) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (c) Membru tal-Kunsill tat-Taliban ta' Peshawar.’

(34) ‘Sayed Allamuddin **Atheer**. (magħruf ukoll bħala Sayed Allamuddin Athear) Funzjoni: it-Tieni Segretarju, il-"Konsulat Ġenerali" tat-Taliban, Peshawar, il-Pakistan. Data tat-twelid: 15.2.1955. Post tat-twelid: Badakhshan, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Nru tal-Passaport: D 000994 (Passaport Afgan). Data tal-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.1.2001.’

(35) ‘**Atiqullah**. Titolu: (a) Hadji, (b) Molla. Funzjoni: Deputat Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi tar-reġim tat-Taliban. Nazzjonalità: Afgana.'

(36) ‘**Azizirahman**. Titolu: Sur. Funzjoni: it-Tielet Segretarju, l-Ambaxxata tat-Taliban, Abu Dhabi. Nazzjonalità: Afgana.'

(37) ‘Abdul Ghani **Baradar** (magħruf ukoll bħala Mullah Baradar Akhund). Titolu: Mullah. Funzjoni: Deputat Ministru tad-Difiża tar-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1968. Post tat-twelid: raħal ta' Weetmak, id-distrett ta' Dehrawood, il-provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Jappartjeni għat-tribù ta' Popalzai, (b) Kmandant militari għoli tat-Taliban u membru tal-"Kunsill ta' Quetta" tat-Taliban f'Mejju 2007, (c) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan.’

(38) ‘Mohammad **Daud**. Funzjoni: Attaché Amministrattiv, l-"Ambaxxata" tat-Taliban, Islamabad, il-Pakistan. Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Kabul, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Nru tal-Passaport: D 00732.’

(39) ‘Arsalan Rahmani Mohammad **Daulat** (magħruf ukoll bħala Arsala Rahmani). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru tal-Edukazzjoni Għolja tar-reġim tat-Taliban. Indirizz: id-distrett ta' Dehbori, Kabul, l-Afganistan. Data tat-twelid: 1941. Post tat-twelid: ir-raħal ta' Khaleqdad, id-distrett ta' Urgon, il-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 106517. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: (a) Membru tal-Kamra Superjuri (Mashrano Jerga) tal-Parlament Afgan, (b) Kap tal-Kumitat tal-Edukazzjoni u r-Reliġjon tal-Kamra f'Mejju 2007.’

